**A.L. 86 ta' l-2008**

## ATT DWAR IS-SIGURTÀ FL-IKEL
## (KAP. 449)

### Regolamenti ta' l-2008 dwar Żjieda ta' Vitamini u Minerali u ta' ċertu Sustanzi oħra fl-Ikel

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 10 ta' l-Att dwar is-Sigurtà fl-Ikel, il-Ministru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u skop.

**1.** (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2008 dwar Żjieda ta' Vitamini u Minerali u ta' ċerti Sustanzi oħra fl-Ikel.

(2) Dawn ir-regolamenti jikkonsistu fid-dispożizzjonijiet neċessarji għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru. 1925/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Diċembru, 2006 dwar Żjieda ta' Vitamini u Minerali u ta' ċertu Sustanzi oħra fl-Ikel.

Ħatra ta' l-Awtorità Kompetenti.

**2.** Id-Direttorat responsabbli għal oġġetti ta' l-ikel fl-Awtorità Maltija dwar l-i*Standards* qiegħed hawnhekk jiġi maħtur bħala l-awtorità nazzjonali responsabbli msemmija fir-Regolament (KE) Nru.1925/2006, hawn aktar 'il quddiem imsejjaħ l-Awtorità Kompetenti.

Notifikazzjoni lill-Awtorità Kompetenti.

**3.** (1) Sabiex tiffaċilita monitoraġġ effiċjenti, meta xi ikel li fuqu ġew miżjuda l-vitamini u l-minerali, u ikel li jkollu sustanzi li huma mniżżlin f'Anness III, Partijiet B u Ċ, tar-Regolament (KE) Nru. 1925/2006, jitqiegħed fis-suq għall-ewwel darba, il-manifattur jew l-importatur għandu jinnotifika lill-Awtorità Kompetenti billi jagħti eżemplari tat-tikketta wżata għall-prodott.

(2) Fil-każ ta' ikel li tqiegħed fis-suq qabel ma daħħlu fis-seħħ dawn ir-regolamenti, in-notifikazzjoni preskritta fis-subregolament (1) ta' dan ir-regolament għandha ssir sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2008. Oġġetti ta' l-ikel li ma kinux ġew notifikati sa dik id-data għandhom jitneħħew mis-suq bi spejjeż tal-manifattur jew ta' l-importatur.

**L.N. 86 of 2008**

## FOOD SAFETY ACT
## (CAP. 449)

### The Addition of Vitamins and Minerals and of certain other Substances to Foods Regulations, 2008

IN exercise of the powers conferred by article 10 of the Food Safety Act, the Minister of Health, the Elderly and Community Care has made the following regulations:-

Citation and scope.

**1.** (1) The title of these regulations is the Addition of Vitamins and Minerals and of certain other Substances to Foods Regulations, 2008.

(2) These regulations contain the provisions necessary for the implementation of Regulation (EC) No 1925/2006 of the European Parliament and of the Council of 20 December, 2006 on the addition of vitamins and minerals and of certain other substances to foods.

Designation of the Competent Authority.

**2.** The Directorate responsible for foodstuffs within the Malta Standards Authority is hereby designated as the competent authority referred to in Regulation (EC) No 1925/2006, hereinafter referred to as the Competent Authority.

Notification to the Competent Authority.

**3.** (1) To facilitate efficient monitoring, when a food to which vitamins and minerals have been added, and a food containing substances listed in Annex III, Parts B and C, of Regulation (EC) No 1925/2006, is placed on the market for the first time, the manufacturer or importer shall notify the Competent Authority by forwarding a model of the label used for the product.

(2) In the case of foods placed on the market prior to the entry into force of these regulations, the notification prescribed by sub-regulation (1) hereof shall take place by not later than 31st December 2008. Foodstuffs which have not been notified by that date shall be removed from the market at the expense of the manufacturer or importer.

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugh fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*
Prezz/*Price*
€0.09 (Lm0.04)